BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 10/11 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 22 ta' Novembru 2011 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra (Aġenda 4)** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **Is-Sur Jesmond Borg** |

***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 09/11 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -2***

*01/11 -* Wara d-deċiżjoni li ħa l-Kunsill Lokali fil-laqgħa preċedenti, il-Greenpak bagħat jinforma l-Kunsill bil-proposti għar-rilokazzjoni tal-*Bring-in-bins*. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li jiġu rilokati kif ġej :

- minn Triq iċ-Ċief għal Triq il-Port Ħieles (faċċata tas-substation)
- minn Triq il-Qajjenza għal Triq il-Qajjenza (viċin l-impjant tal-gass)
- minn Triq il-Gżira għal ħdejn il-ħajt tal-Enemalta f'Dawret il-Qalb Imqaddsa
- minn Triq Sant'Anġlu għal Triq il-Qajjenza (viċin l-impjant tal-gass)

*02/11 -* Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti kont ta' l-Enemalta sabiex tiġi nstallata lampa ġdida fi Triq Wied Ħas-Saptan, kont ta' €2028. Wara diskussjoni l-Kamra unanimament qablet li ma tilqax dan il-kont kif ġa sar f'każijiet simili.

*03/11 -* Tressqet talba mill-Perit A.C. Bezzina għan-nom ta' Gor-Oul Services sabiex mill-15 ta' Mejju 2012 sal-15 ta' Settembru 2012 jintrama *trampoline* fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni il-Kamra qablet li toġġezzjona għal din it-talba minħabba li ma taqbilx mas-sit propost, dan għaliex hemm applikazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex jitkabbar il-grawnd tal-futbol fl-istess sit. Ukoll il-Kamra issuġġeriet li s-sit jinbidel għal quddiem il-Labour Club u dan għandu jiġi kkomunikat lill-applikant.

***AĠENDA -3***

Tressqu l-pagamenti għax-xahar ta' Novembru 2011. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €53,179.93 titħallas skond Skeda Nru. 11/11.

***AĠENDA -4***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :-

- hemm il-kwotazzjonijiet miftuħa għal xiri ta' żebgħa u *printing* ta' *magazine.*

- l-amministrazzjoni qed taħdem sabiex toħroġ is-sejħiet pubbliċi għal Tindif ta' Postijiet Pubbliċi; Kiri ta' Makkinarju; Servizz ta' *Handyperson*.

- fir-rigward ta' Memo 87/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali 2011, il-Kunsill ma applikax għal *picnic area* kif ġie deċiż fis-Seduta Nru. 09/11 minħabba li kundizzjoni partikulari ta' din il-Memo kienet tgħid li jrid ikun hemm permess tal-MEPA maħruġ jew fi stat avvanzat. Għaldaqstant il-Kunsill ser japplika l-MEPA għal dan il-proġett sabiex jekk fil-futur toħroġ sejħa simili l-Kunsill Lokali jkun jista' japplika għal dan il-proġett.

- twaħħlu d-*dogbins* madwar il-prominad.

- nhar il-Ħamis, 24 ta' Novembru 2011 ser issir laqgħa mal-Kumitat tal-Qajjenza fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

- fil-5 ta' Diċembru 2011 fl-10.00am fl-MCC ser tinstema' l-applikazzjoni tal-Power Station.

- l-ikla tal-Milied ser issir nhar il-Ħadd, 18 ta' Diċembru 2011 fis-1.00pm.

- ġie offrut lill-għaqdiet lokali sabiex jagħtu s-servizz ta' tqassim ta' karti bieb, bieb lill-Kunsill Lokali. Min hu nteressat għandu javviċina lill-Kunsill Lokali sa Diċembru.

- ix-xogħol fuq il-Fixed Asset Register tlesta. Jonqos biss xogħol ta' *data entry*. Il-kuntrattur offra li jagħmel dan ix-xogħol li baqa' għas-somma ta' €700 + VAT. Il-Kamra aċċettat li jsir ix-xogħol għal din is-somma pero' il-kuntrattur m'għandux jitħallas qabel ikun sar ix-xogħol kollu.

2. T.Roberts informa l-Kamra li l-proċess sabiex napplikaw għal-lampa ġdida inbidel (Form A). Hu talab għall-approvazzjoni tal-Kamra sabiex napplikaw għal-lampi ġodda fi :-

   - Triq L-Arzella c/w Triq il-Port Ħieles
   - Triq it-22 ta' Frar
   - Triq iċ-Ċief c/w Triq il-Girgħien
   - Trejqet Wied tal-Klima

   Il-Kamra qablet.

   Ukoll T.Roberts informa l-Kamra dwar il-mawra tiegħu f'Abruzzo bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali fi ħdan il-GAL fejn f'din il-mawra inġabret informazzjoni fuq il-programm Leader. Kien ukoll suġġerit li jsir skambju ta' studenti bejn iż-żewġ pajjiżi sabiex tiġi studjata l-lingwa rispettiva. Ukoll il-Kunsill għandu jirċievi l-informazzjoni kollha fuq din il-mawra min-naħa tal-GAL Xlokk.

3. B.Pace infurmat il-Kamra li għandha bżonn tieħu ritratti ta' Borġ in-Nadur għall-fuljett tal-Kunsill. Ukoll tat informazzjoni lill-Kamra fir-rigward tas-seminar li attendew hi u J.Borg f'Għawdex – Quality Markt Project Management. F'dan is-seminar attendew ukoll żewġ żgħażagħ mil-lokal. Ser ikun hemm *follow-up* ta' dan is-seminar fil-futur qarib u hemm bżonn li jattendu għalih persuni differenti minn fost il-Kunsillieri. Aktar informazzjoni għandna nirċevuha 'il quddiem.

4. J.Baldacchino ssuġġerixxa li għal żmien il-Milied tiġi organizzata kompetizzjoni għall-presepji. Ikun hemm kumitat sabiex jiġġudika ta' min hu l-isbaħ presepju. Min jixtieq jipparteċipa ser jintalab iħallas €2.00 u l-flus miġbura ser imorru għall-Istrina. Kulħadd qabel.

5. Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport tat-tielet kwart tas-sena Lulju – Settembru 2011. Dan ġie approvat mill-Kamra.

6. Is-Sindku informa l-Kamra li fi Triq Birżebbuġa inqala' ntopp minħabba li l-Perit tal-kuntrattur qed jisħaq mal-WSC (li huma sid il-proġett) li hemm bżonn issir sodda ta' konkos qabel it-tarmak sabiex it-triq tiġi stabbli. Għaldaqstant il-kuntrattur qiegħed jistenna dis/approvazzjoni min-naħa tal-WSC sabiex ikun jista' jkompli. Is-Sindku wera li jinsab imħasseb li x-xogħol ser idum ma jitkompla u t-triq issirilha ħafna ħsara.

   Ukoll is-Sindku ssuġġerixxa li ssir Konferenza Stampa fil-Qajjenza fir-rigward tat-trasport pubbliku nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2011. Kulħadd qabel.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fis-7.00pm. Seduta oħra ser issir nhar, il-Erbgħa, 21 ta' Diċembru 2011 fil-5.30pm. .

.

| | |
|---|---|
| **.......................................** | **............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |